



Brussell, 16 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0373(COD)

---

14248/23  
ADD 1

ENV 1129  
MI 862  
IND 535  
CONSUM 367  
COMPET 996  
MARE 22  
PECHE 439  
RECH 452  
SAN 593  
ENT 215  
ECOFIN 1053  
CODEC 1895

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 645 final - ANNEXES 1 to 4
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmaż id-dokument COM(2023) 645 final - ANNEXES 1 to 4.

---

Mehmuż: COM(2023) 645 final - ANNEXES 1 to 4



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.10.2023  
COM(2023) 645 final

ANNEXES 1 to 4

## ANNESSI

### **tal-Proposta għal**

### **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik**

{SEC(2023) 346 final} - {SWD(2023) 330 final} - {SWD(2023) 332 final} -  
{SWD(2023) 333 final}

## **ANNESS I**

### **PJAN TA' VALUTAZZJONI TAR-RISKJU GĦALL-INSTALLAZZJONIJIET**

Il-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju msemmi fl-Artikolu 4(1) għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

- (1) il-pjan tas-sit;
- (2) il-postijiet li fihom jistgħu joriġinaw it-tixrid u t-telf tal-pellets mill-konfini tal-installazzjoni, filwaqt li jiġu spċifikati l-postijiet b'riskju għoli u baxx;
- (3) l-operazzjonijiet ta' mmaniġġar li matulhom jistgħu joriġinaw it-tixrid u t-telf tal-pellets mill-konfini tal-installazzjoni, filwaqt li jiġu spċifikati operazzjonijiet ta' riskju għoli u baxx;
- (4) l-istima tal-kwantitajiet ta' tixrid u ta' telf fil-postijiet u fl-operazzjonijiet identifikati;
- (5) it-tfassil tal-lista tal-attivitajiet li l-installazzjoni jista' jkollha l-awtorità li teżerċita kontroll fuqhom, inklużi l-fornituri, is-sottokuntratturi u l-faċilitajiet ta' ħżin mhux fuq il-post;
- (6) id-definizzjoni ta' rwol spċifiku wieħed ta' membru tal-persunal responsabbli għar-reġistazzjoni, għall-investigazzjoni u għas-segwitu dwar it-tixrid u t-telf, inkluż ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti bħal fl-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 9(1);
- (7) id-deskrizzjoni tat-tagħmir fis-seħħ għall-prevenzjoni, għall-konteniment u għat-tindif tat-tixrid u tat-telf.

L-operaturi ekonomiċi għandhom iqisu tal-anqas dan li ġej, filwaqt li jqisu n-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha:

- (a) Għall-prevenzjoni: siġilli tal-vakwu fuq il-pajpjiet u fuq ix-xogħol tal-pajpjiet; imballaġġ reżistenti għat-tqattiġi u għall-impatt li jista' jifla għad-degradazzjoni f'ambjenti akkwatiċi; tagħmir sabiex jinħolqu punti ta' konnessjoni siguri b'barrieri sekondarji fis-seħħ; sistemi tat-tagħbija ddisinjati sabiex jiżguraw li l-linji tat-trasferiment ikunu jistgħu jitbattlu kompletament wara t-tagħbija u l-ħatt; kontenituri ssiġillati jew sajlos esterni għall-ħażin tal-pellets; sistemi ta' trasport awtomatizzati għall-pellets;
  - (b) Għall-konteniment: apparat tal-iskular imqiegħed tul ix-xifer ta' barra taż-żoni tat-tagħbija u tal-ħatt; vacuum cleaners industriali u għoddha tal-idejn għat-tindif immedja; għotjien interni u esterni ta' drenaġġ, sistemi ta' drenaġġ tal-ilma tal-maltemp jew tal-filtrazzjoni sabiex jiġi ġestiti għargħar jew tempesti rägonevolment prevedibbli; sistema tat-trattament tad-drenaġġ;
  - (c) Għat-tindif: vacuum cleaners industriali għall-użu intern u estern; kontenituri xierqa dedikati għall-pellets irku prati li jkunu koperti, ittikkettati u magħluu qin sabiex jiġi evitat aktar tixrid u telf; għoddha tal-idejn (eż., xkupi, pali u xkupilji, bramel, tejps tat-tiswija); boroż tal-ġbir imsaħħa.
- (8) id-deskrizzjoni tal-proċeduri fis-seħħ għall-prevenzjoni, għall-konteniment u għat-tindif tat-tixrid u tat-telf.

L-operaturi ekonomiċi għandhom iqisu tal-anqas dan li ġej, filwaqt li jqisu n-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha:

- (a) għall-prevenzjoni: limiti fuq il-volumi ta' pellets ittrasportati f'ċertu imballaġġ (eż., il-pellets iridu jiġu imballati u ssiġillati fi xkejjer ta' 25 kg, u mgħobbija b'mhux aktar minn tunnellata għal kull pellet); spezzjoni u manutenzjoni

- regolari tal-imballaġġ, tal-kontenituri u tal-faċilitajiet tal-ħażin; l-użu ta' trejs għat-tixrid taħt il-punti ta' trasferiment u matul it-tagħbija u l-ħatt; protokolli ċari għall-ftuħ, it-tagħbija, l-għeluq u l-issiġġilar tal-kontenituri fil-bidu u fit-tmiem tat-tagħbija; ittestjar fiżiku u monitoraġġ tal-effettivitā tal-proċeduri ta' prevenzjoni;
- (b) għall-konteniment: spezzjoni, tindif u manutenzjoni regolari tal-apparat tal-iskular; spezzjoni, tindif u manutenzjoni regolari tal-għotjien tal-iskular, sistemi ta' drenaġġ tal-ilma mill-maltemp jew tal-filtrazzjoni; spezzjoni u tindif regolari tal-vetturi li jitilqu u/jew jidħlu f'sit, faċilitajiet tal-ħruġ tal-ilma u reċinti mad-dawra tal-faċilità li jkunu jinsabu f'żoni pubbliċi, meta jkun applikabbli; sostituzzjoni jew tiswija immedjata ta' imballaġġ li jnixxi; kontrolli għall-imballaġġ jew il-kontenituri mkissrin u skartati għall-pellets residwi qabel ir-rimi jew it-tiswija; manutenzjoni tas-sistema tat-trattament tad-drenaġġ.
  - (c) għat-tindif: il-pellets tal-plastik imxerrdin jitnaddfu minnufih sabiex jiġi evitat it-telf fl-ambjent, mhux aktar tard mit-tmiem tal-operazzjoni, u jinġabru f'kontenitur apposta. Jekk ikun possibbli, il-pellets tal-plastik imxerrdin jerġgħu jintużaw bħala materja prima sabiex titnaqqas il-ħela. Jekk il-pellets tal-plastik imxerrdin ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw bħala materja prima, dawn jiġu rkuprati u jintremew f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart.
- (9) minbarra l-elementi deskritti fil-punti (1) sa (8), l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs medju jew kbir u li joperaw installazzjonijiet fejn il-pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata jkunu ġew immaniġġati fis-sena kalendarja precedingi għandhom jieħdu wkoll l-azzjonijiet li ġejjin:
- (a) jiddeskrivu l-elementi li għandhom jiġu rieżaminati f'laqgħat ta' ġestjoni formali mill-inqas darba fis-sena, inkluża l-kwantità stmata u l-kawżi ta' kwalunkwe telf; tagħmir u proċeduri preventivi, ta' mitigazzjoni u ta' tindif implementati u l-effettivitā tagħhom.
  - (b) jistabbilixxu programm ta' sensibilizzazzjoni u taħrif, ibbażat fuq ir-rwoli u responsabbiltajiet spċifici tal-impjegati, fuq il-prevenzjoni, il-konteniment u tt-indif, l-installazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni tat-tagħmir, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni, kif ukoll il-monitoraġġ u r-rapportar ta' telf tal-pellets;
  - (c) jistabbilixxu proċeduri sabiex is-sewwieqa, il-fornituri u s-sottokuntratturi jiġu infurmati dwar il-proċeduri rilevanti għall-prevenzjoni, il-konteniment u tt-indif tat-tixrid u tat-telf.

## **ANNESS II**

### **FORMOLA GĦAL AWTODIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ**

..... (isem u  
indirizz tal-operatur ekonomiku).

Jiddikjara taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-immaniġġar tal-pellets tal-plastik fl-installazzjoni li tinsab fi ..... (indirizz) bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk disponibbli) ..... jissodisfa r-rekwiżiti kollha tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik sabiex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik.

Bl-iffirmar ta' din id-dikjarazzjoni, niddikjara li l-valutazzjoni tar-riskju mehmuża, imwettqa fi ..... (data) ġiet implementata.

Magħmula fi ... nhar il- .../.../20....

Firma

### **ANNESS III**

#### **AZZJONIJIET GĦAT-TRASPORTATURI TAL-UE U DAWK MHUX TAL-UE**

Miżuri li għandhom jittieħdu u tagħmir li għandu jiġi stabbilit mit-trasportaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE:

- (10) Għall-prevenzjoni: verifika matul u wara t-tagħbija u l-ħatt, li l-pellets jitneħħew kif xieraq minn barra t-tagħmir tat-trasport qabel ma jitilqu mis-sit tat-tagħbija/tal-ħatt; komunikazzjoni ċara dwar ir-rekwiżiti tal-istivar; prevenzjoni ta' kwalunkwe tnixxija, inkluż matul il-vjaġġ tat-trasport, eż., permezz tal-adegwatezza teknika tal-meżżi u l-kontejners tat-trasport, issupplimentati, jekk meħtieġ, b'issiġillar xieraq; żgurar li jintuża kisi protettiv fuq eż. forklifts/tagħmir idrawliku sabiex jiġi evitat li jittaqqab l-imballaġġ; tindif regolari tal-kompartimenti tat-tagħbija u tal-kontenituri sabiex jiġi minimizzat it-telf tal-pellets imxerrdin; verifika viżiva tal-fetħiet u tal-integrità tal-kompartimenti tat-tagħbija qabel u, sa fejn ikun possibbli, matul il-vjaġġ, inkluż fit-terminals multimodali, fit-terminals ferrovjarji, fil-portijiet interni u marittimi.
- (11) Għall-konteniment u għat-tindif: meta jkun possibbli, tiswija ta' imballaġġ bil-ħsara (eż. bl-użu ta' bomi, barrieri u tejp) u l-konteniment tal-pellets li jifdal fil-kompartiment tat-tagħbija; il-ġbir ta' pellets imxerrdin f'kontenituri jew f'boroż magħluqa għar-rimi xieraq; fil-każ Tat-trasport ta' pellets f'tankijiet bl-ingrossa, il-ftuħ tat-toqba/kon tal-qiegħ tat-tank tas-sajlo biss wara d-dħul fis-segment tat-tindif; is-sostituzzjoni tal-inforra tal-kontenituri biss f'żoni xierqa u mhux pubbliċi, fejn jiista' jitrażżan kwalunkwe tixrid; in-notifika lill-awtoritajiet bħall-emerġenza internazzjonali u nazzjonali, jew lill-awtoritajiet ambientali, kif xieraq, mill-Istat Membru fejn seħħi l-avveniment.
- (12) Tagħmir abbord: mill-inqas apparat tat-tidwil wieħed portabbli, għoddha tal-idejn (eż. xkupi, pali u xkupilji, bramel, tejps tat-tiswija, eċċ.). kontenituri għall-ġbir magħluqa/boroż tal-ġbir imsaħħha.

**ANNESS IV**  
**FORMOLA TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ**

..... (isem).

bin-numru tar-reġistrazzjoni ta' .....

akkreditat għall-ambitu .....  
..... (Kodiċi NACE)

jiddikjara, wara li jkun ivverifika l-installazzjoni tal-operatur ekonomiku .....  
(isem) li jinsab fi ..... bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk disponibbli) .....

li l-installazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik sabiex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik.

Bl-iffirmar ta' din id-dikjarazzjoni, niddikjara li:

- il-verifika twettqet f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru [...], inklużi l-verifikasi fuq il-post imwettqa fi ..... (dati),
- l-eżitu tal-verifika jikkonferma li ma hemm l-ebda evidenza ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli tar-Regolament (UE) Nru [...].

Magħmulu fī ... nhar il-.../.../20....

Firma